MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Talba Numru. 177/2007

**Carmel Mangion**
**(ID 954844 M)**

**Vs**

**Rosemarie Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u sebgha u sittin lira, hamsa u tletin centezmu (Lm167.35c), rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma` prezz ta` funeral ta` Teresa Attard, omm il-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra datata 25 ta` Novembru, 2006 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment l-istess konvenuta ma deheritx la fis-seduta tad-29 ta` Frar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lil-attur is-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €389.82c (Euros) gia` Lm167.35c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------